# KUMMISSJONI DWAR L-ETIKA GURNALISTIKA

10 ta' Gunju 2013

**Ilment imressaq minn Dr. Victor Calvagna, Angele Cuschieri, Rennie Zerafa u Mary Rose Bugeja f'isimhom personali u bhala ufficjali tal-Fundazzjoni Puttinu Cares *kontra* l-gurnalista Annaliza Borg**

## DECIZJONI

### Preliminari u Procedurali

Ilment tal-Kwerelanti

Il-Kummissjoni rat l-ilment imressaq minn Dr. Victor Calvagna, Angele Cuschieri, Rennie Zerafa u Mary Rose Bugeja f'isimhom personali u bhala ufficjali tal-Fundazzjoni Puttinu Cares (il-"Kwerelanti"), permezz tal-ittra tal-avukat taghhom Dr. Joe Mifsud datata 14 ta' Mejju 2013, fil-konfront tal-gurnalista Annaliza Borg (il-"Kwerelata"), fir-rigward tal-artikolu taghha titolat "***Reports of malpractice at Rainbow Ward under investigation***" ippubblikat fil-gazzetta The Malta Independent on Sunday, fil-harga taghha tal-Hadd, 12 ta' Mejju, 2013.

Il-fuq imsemmi ilment kien jinkludi wkoll kopja tal-artikolu koncernat.

Il-Kwerelanti allegaw illi ma kienux avvicinati biex iwiegbu ghall-allegazzjonijiet li saru fil-konfront taghhom u lanqas inghataw ic-cans mill-gurnalista li jaghtu l-verzjoni taghhom. Huma komplew jallegaw illi xxandret biss verzjoni mhix veritiera, defamatorja u malafamanti fil-konfront taghhom u regghu sostnew illi lil hinn mill-prassi gurnalistika ma ttiehditx il-versjoni taghhom. Mhux hekk biss izda li l-gurnalista inqdiet b' "sorsi anonimi" li ssemmew bhala ex impjegati f'Rainbow Ward u ghal darb'ohra lanqas biss hadet il-verzjoni tal-persuna inkarigata mill-ward mil-lat mediku u lanqas mill-persuni involuti. Fl-ahhar nett illi f'dan l-artikolu l-gurnalista ghamlet taghha l-allegazzjonijiet li saru fl-artikolu b'detriment ghall-integrita' u l-professjoni taghhom.

Ghaldaqstant talbu lill-Kummissjoni sabiex tinvestiga l-kaz, tiddikjara li nkisret l-etika gurnalistika u tiehu l-passi li jipprovdi l-Kodici tal-Etika Gurnalistika.

Seduta u Direzzjonijiet Preliminari

Fil-qadi tad-dmirijiet taghha, il-Kummissjoni l-ewwel iltaqghet kameralment fil-21 ta' Mejju 2013.

Qabel xejn, il-Kummissjoni laqghet l-offerta tal-Membru taghha Dr. Claire Bonello li tirrikuza ruhha mit-trattazzjoni ta' dana l-ilment, u dana minhabba l-fatt illi hija kienet esprimiet pubblikament opinjoni dwaru permezz tal-artikolu taghha "*Two sides to every story*" illi kien deher fil-gazzetta The Sunday Times of Malta fil-harga taghha tad-19 ta' Mejju 2013, ghalkemm dana kien inkiteb u kien intbaghat ghall-pubblikazzjoni qabel ma l-Kummissjoni kienet effettivament irceviet l-ilment in kwistjoni.

Imbaghad il-Kummissjoni ghaddiet sabiex tezamina l-kontenut tal-ilment *prima facie* u stabbiliet illi l-kaz fil-fatt seta' jinstema' skond ir-Regoli Dwar Procedura applikabbli.

Il-Kummissjoni ddecidiet ukoll illi tillimita ruhha biss biex tiddeciedi jekk kienx hemm ksur tal-etika gurnalistika jew le u li ma tidholx fil-meritu tal-allegazzjonijiet li gew irraportati billi dan hu kompitu ta' Awtoritajiet ohra kompetenti skond il-ligi.

Fl-ahhar nett giet iffissata seduta ghas-smiegh tal-kaz ghal nhar it-Tnejn, 3 ta' Gunju, 2013, f'nofsinhar (1200), fl-indirizz tal-Kummissjoni fil-Kamra 120, fit-Tielet Sular, fil-bini numru 208 Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta,

Dana kollu kellu jigi kkumonikat lill-partijiet mis-Segretarju tal-Kummissjoni, kif fil-fatt gara.

Illi fil-kaz tal-Kwerelata, fl-ittra illi intbaghtitilha datata 21 ta' Mejju 2013, apparti milli giet mgharrfa bl-ilment, u bid-decizjonijiet preliminari mehuda mill-Kummissjoni kif fuq indikati, giet infurmata wkoll bid-dritt taghha li tkun assistita minn persuna ta' fiducja taghha, kif ukoll bid-dritt taghha li tibghat twegiba bil-miktub lill-Kummissjoni dwar il-kaz qabel id-data tas-smiegh.

Risposta tal-Kwerelata

Il-Kummissjoni fil-fatt irceviet ittra mill-avukat Rita Mifsud, ghan-nom tal-Kwerelata, datata 30 ta' Mejju 2013, b'riferenza ghall-ilment imressaq mill-Kwerelanti.

Permezz ta' dina l-ittra l-Kwerelata l-ewwel gibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni illi hija mhijiex membru tal-Istitut tal-Gurnalisti Maltin u ghaldaqstant umilment irrilevat illi mhijiex soggetta ghall-iskrutinju ta' dina l-Kummissjoni li, kompliet issostni, m'ghandha ebda awtorita' tiddetermina jekk kienx hemm xi ksur o meno ta' etika da parti taghha jew li timponi xi sanzjonijiet fil-konfront taghha.

Imbaghad il-Kwerelata ghaddiet sabiex ticcara illi l-punt kollu tal-artikolu in kwistjoni kien li jigu senjalati l-allegazzjonijiet serji li saru u l-bzonn li jigu investigati u li hi bl-ebda mod ma ghamlet xi allegazzjonijiet fil-konfront tal-persuni imsemmija. Filwaqt li sostniet li ma kien hemm l-ebda ksur tal-etika gurnalistika da parti taghha, il-Kwerelata rrilevat li mill-kontenut tal-ilment imressaq huwa evidenti li l-persuni li ressqu l-ilment qed jistiednu lill-Kummissjoni tidhol fil-meritu tal-allegazzjonijiet li gew irrapurtati, haga li tezorbita l-kompetenza tal-Kummissjoni.

Ghaldaqstant il-Kwerelata infurmat lill-Kummissjoni li mhijiex ser tattendi ghas-smiegh tal-kaz, u rriservat kull dritt ta' azzjoni lilha spettanti fil-ligi f'kaz li hija ssofri xi pregudizzju rizultat ta' dawn il-proceduri.

Illi permezz ta' e-mail mibghut mic-Chairman tal-Kummissjoni lill-avukat Rita Mifsud fil-31 ta' Mejju 2013, wara li gie rikonoxxut illi l-fuq imsemmija ittra taghha tat-30 ta' Mejju 2013 kienet giet ricevuta, u li dak li kellha xi tghid kien gie wkoll debitament innotat, l-avukata giet infurmata wkoll illi l-Kummissjoni kienet accettat li tisma' l-ilment, u illi dan kien sejjer effettivament isir fil-gurnata u hin kif avzat.

Seduta tas-Smiegh

Illi fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2013 deheru biss il-Kwerelanti, assistiti mill-avukat Joe Mifsud, u l-kaz gie ttrattat.

L-avukat Joe Mifsud ghall-kwerelanti introduca l-kaz u ghamel is-sottomissjonijiet tieghu. Il-kwerelanti stess kellhom ukoll l-opportunita' sabiex jaghmlu l-osservazzjonijiet taghhom.

Waqt is-smiegh, fuq domanda diretta tal-Kummissjoni, il-Kweralenti kollha affermaw illi li kieku huma kienu gew avvicinati b'xi mod mill-gurnalista, u rinfaccjati bl-allegazzjonijiet maghmula kontrihom, huma kienu certament jaghtu l-verzjoni taghhom.

Wara li l-Kwerelanti ddikjaraw illi ma kellhiex aktar xi jzidu, sew huma kif ukoll l-avukat taghhom gew mitluba jirtiraw. Il-Kummissjoni imbaghad ghaddiet ghad-deliberazzjonijiet u decizjoni taghha dwar il-kaz.

**Osservazzjonijiet tal-Kummissjoni**

Kompetenza tal-Kummissjoni
Gurnalist

Minhabba dak li ssottomettiet il-Kwerelata, almenu in linea preliminari, permezz tal-ittra risponsiva mibghuta mill-avukat taghha Rita Mifsud, il-Kummissjoni hasset il-bzonn illi tghaddi l-ewwel sabiex tiddisponi minn dina l-eccezzjoni li timpingi fuq il-funzjoni kollha tal-istess Kummissjoni.

Hawnhekk il-Kummissjoni taghmel ukoll riferenza shiha ghal dak illi hija diga' kellha l-okkazjoni li tosserva u tirritjeni fil-kaz tal-ilment imressaq minn **Julia Farrugia kontra Lou Bondi** (Decizjoni moghtija mill-Kummissjoni fis-7 ta' Dicembru 2011).

Qabel xejn huwa important li wiehed jifhem illi l-Kummissjoni Dwar l-Etika Gurnalistika, fin-natura taghha, hija organu indipendenti u awtonomu tal-Istitut tal-Gurnalisti Maltin, ghalkemm

mahtura mill-Kunsill tal-istess Istitut, bil-funzjoni unika li tapplika l-Kodici tal-Etika Gurnalistika tal-istess Istitut, fl-ambitu tar-Regolamenti tal-Procedura li jirregolaw lill-istess Kummissjoni.

Il-Kummissjoni ghalhekk topera fil-kamp tal-awtoregolamentazzjoni (*self-regulation*) tal-professjoni gurnalistika maltija ghal dak li ghandu x'jaqsam ma kwistjonijiet dwar l-etika gurnalistika.

Din mhix xi sitwazzjoni unika fil-kamp gurnalistiku internazzjonali, u difatti l-Kummissjoni hija membru attiva wkoll fl-Association of Independent Press Councils of Europe (AIPCE).

Skond il-Kodici tal-Etika Gurnalistika, il-Kummissjoni ghandha l-kompetenza li tikkunsidra dawk l-ilmenti kollha lilha maghmula kontra kull gurnalist fir-rigward ta' kwalsiasi allegat ksur tal-imgieba etika skond kif indikata fl-istess Kodici (ara l-Artikolu 2 tal-Kodici tal-Etika Gurnalistika).

Illi ghal dan il-ghan l-importanti hu li wiehed ikun tassew 'gurnalist', u jekk it-twegiba tkun fl-affermattiv il-Kummissjoni imbaghad ma tidholx biex tezamina dwar jekk tali gurnalist ikunx membru tal-Istitut tal-Gurnalisti Maltin jew le, billi l-Kummissjoni tippretendi illi hija ghandha kull dritt u dover li tesprimi ruhha dwar kwistjonijiet li jittrattaw bl-etika gurnalistika maltija.

Il-Kodici tal-Etika Gurnalistika ma tikkontjenix definizzjoni tal-kelma "gurnalist", kif lanqas ma wiehed isib tifsira tal-istess kelma fl-Att Dwar l-Istampa.

Hemm pero' definizzjoni utili kontenut fir-**Rakkomandazzjoni Numru R (2007) 7 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa Dwar id-Dritt tal-Gurnalisiti li ma Jizvelawx is-Sorsi tal-Informazzjoni Taghhom** illi kienet giet adottata mill-istess Kumitat tal-Ministri fit-8 ta' Marzu 2000. Din taqra hekk :

" *For the purposes of this Recommendation* :

a. *the term "journalist" means any natural or legal person who is regularly or professionally engaged in the collection and dissemination of information to the public via any means of mass communication.* "

Illi l-Kummissjoni hija tal-fehma illi t-tifsira fuq moghtija ghall-kelma "gurnalist" tista' tigi utilment adottata wkoll ghall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Kodici tal-Etika Gurnalistika, u l-istess Kummissjoni hija sodisfatta illi l-kwerelata Annaliza Borg taqa' sew fl-ambitu ta' tali definizzjoni.

Izda apparti dana kollu, l-istess Kwerelanti fl-ittra risponsiva taghha ma tichadx il-fatt illi hija gurnalista. Tghid biss illi skond hi, hija mhix soggetta ghall-iskrutinju tal-Kummissjoni billi ma hijiex membru tal-Istitut tal-Gurnalisti Maltin, u li ghalhekk skond hi il-Kummissjoni ma ghandha l-ebda awtorita' tiddetermina jekk kienx hemm xi ksur o meno ta' etika da parti taghha jew li timponi xi sanzjonijiet fil-konfront taghha.

Il-Kummissjoni diga' xejjnet dawn ir-riservi tal-Kwerelata aktar il-fuq. Izzid tosserva pero' illi l-istess Kwerelata, fir-risposta taghha, ghogobha wkoll illi ma tieqafx hemm, izda ssoktat fit-tielet paragrafu tiddefendi ruhha fil-meritu billi spjegat l-iskop tal-artikolu u cahdet li ghamlet xi allegazzjonijiet fil-konfront tal-persuni imsemmija.

Il-Kummissjoni naturalment hadet konjizzjoni shiha ta' dina d-difiza, u b'hekk qdiet id-doveri taghha tal-*audi et alteram partem*.

## Meritu

Ir-rapport li dwaru sar l-ilment, bit- titolu "Reports of malpractice at Rainbow Ward under investigation", inghata prominenza u fil-fatt deher fil-pagna ta' quddiem tal-gazzetta The Malta Independent on Sunday tal-harga tieghu tat-12 ta' Mejju 2013, bi tkomplija fuq pagna 3, fis-sezzjoni "News", tal-istess gazzetta, bl-istess titolu "Reports of malpractice at Rainbow Ward under investigation". Tali tkomplija fuq pagna 3 fil-fatt okkupat il-pagna kollha, u kien jikkontjeni wkoll ritratt tal-minuri Kyle Catania, pazjent li jiffrekwenta r-Rainbow Ward paediatric cancer unit fl-Isptar Mater Dei.

Deher car fis-smiegh tal-ilment, anke' in vista tad-decizjoni preliminari mehuda mill-Kummissjoni li ma tidholx fil-meritu tal-allegazzjonijiet li gew irraportati billi dan hu kompitu ta' Awtoritajiet ohra kompetenti skond il-ligi, illi l-qofol kollu tal-ilment tal-Kwerelanti huwa fis-sens illi huma ma kienux avvicinati biex iwiegbu ghall-istess allegazzjonijiet li gew rapportati fil-konfront taghhom u lanqas inghataw ic-cans mill-gurnalista li jaghtu l-verzjoni taghhom.

L-artikolu tal-Kodici tal-Etika Gurnalistika rilevanti ghall-kaz, citat anke' mill-kwerelanti fil-kors tat-trattazzjoni tal-kaz, huwa fil-fatt l-Artikolu 4 ('Unethical Behaviour') tal-istess Kodici, u senjatament il-paragrafi c. u m. tal-istess artikolu. Dawn jipprovdu hekk :

<u>Artikolu 4</u> (Unethical Behaviour)

c. whenever any information supplied is published without verifying its veracity and accuracy, as far as is possible;

u

m. whenever false or misleading or distorted reports are published.

Fil-verita', dawn iz-zewg paragrafi huma intrinsikament konnessi ma xulxin, il-ghaliex meta tigi pubblikata informazzjoni minghajr ma din tkun verifikata kemm jista' jkun ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-veracita' u l-akkuracita' taghha, ir-rapport kif hekk pubblikat, anke' jekk mhux necessarjament falz, facilment jispicca li jkun zgwidanti u/jew imzelleg. Dan izjed u izjed ikun il-kaz meta ma tkunx instemghet u rapportata il-qanpiena l-ohra.

**Deliberazzjonijiet**

Il-Kummissjoni ma ghandha l-ebda dubju illi l-istorja rapportata mill-gurnalista Annaliza Borg, li tigbor fiha allegazzjonijiet ta' certa serjeta' sew fil-konfront tar-Rainbow Ward paediatric cancer unit fih innifsu, kif ukoll fil-konfront tal-fondazzjoni Puttinu Cares, registrata wkoll bhala organizzazzjoni volontarja, hija ta' interess pubbliku, u ghalhekk certament illi l-Kummissjoni ma ssib xejn x'ticcensura fil-mera fatt illi l-gurnalista rrapportat dwar dawn l-allegazzjonijiet fl-artikolu taghha u b'hekk gabithom ghall-attenzjoni mhux biss tal-pubbliku izda sahansitra wkoll tal-Awtoritajiet koncernati li ma jistghux ma jipprocedux issa hlief li jinvestigawhom. Dan kollu huwa anzi d-dover illi kull gurnalist ghandu lejn is-socjeta', u dan huwa li jitlob il-gurnalizmu investigattiv.

Illi pero' dana kollu ma jfissirx illi l-gurnalist, fl-ezercizzju tad-dover tieghu li jinforma lill-pubbliku b'certi allegazzjonijiet illi jkunu twasslu ghall-attenzjoni tieghu minn certi sorsi, ghandu imbaghad xi licenzja li joltrapassa l-limiti tal-etika gurnalistika.

Huwa issa l-kompitu tal-Kummissjoni biex tikkunsidra dwar jekk dan kienx il-kaz.

Il-kaz li ghandha quddiemha llum il-Kummissjoni jittratta b'rapport investigattiv. L-istess gurnalista, f'rapport iehor taghha titolat "*TMI malpractice story discussed on TV programme*", li deher fil-gazzetta The Malta Independent fil-harga taghha tal-15 ta' Mejju 2013, irriferiet hija stess ghar-rapport precedent taghha bhala "...an investigative report on the issue.....".

Jidher car, izda, minn qari tal-istess rapport, illi ghalkemm il-gurnalista intervistat diversi nies, jonkella talbithom il-kummenti taghhom, ewlenin fosthom Anthony Catania u Marion Cutajar bhala l-ġenituri tal-minuri Kyle Catania, l-Inginier Joseph Caruana li jokkupa l-kariga ta' Chief Executive Officer tal-Isptar Mater Dei u infermiera u 'support staff' li fil-passat hadmu fir-Rainbow Ward u illi skond il-gurnalista talbu li ma jissemmewx minhabba xi riperkussjonijiet li setghu jirrinfaccaw, l-istess gurnalista baqghet ma intervistatx jew ghall-anqas fittxet li titlob il-kummenti tal-persuni kif ukoll tal-fundazzjoni koncernati u direttament implikati fl-akkuzi serji illi tqajmu fil-konfront taghhom mis-sorsi tal-gurnalista.

Ta' min jinnota wkoll illi s-sorsi principali tal-gurnalista dwar l-allegazzjonijiet serji illi gew rapportati, liema allegazzjonijiet jinkludu wkoll allegazzjonijiet ta' "clinical malpractice and improper behaviour", kif ukoll diversi allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet da parti tal-fondazzjoni, kienu principalment l-imsemmija genituri tal-minuri Kyle Catania, kif ukoll l-imsemmija sorsi anonomi deskritti bhala infermiera u impjegati ohra illi hadmu fil-passat fir-Rainbow Ward.

Huwa indubitament id-dover anke' etiku tal-gurnalist li jipproteggi s-sorsi tieghu meta dawn ikunu hekk esigew, anke' jekk wiehed ma tantx jifhem x'setghu kienu dawk ir-"riperkussjonijiet" illi kienu qieghdin jibzghu minnhom persuni illi llum ma ghadhomx jahdmu fir-Rainbow Ward.

Izda dana jfisser illi f'cirkustanzi bhala dawn il-gurnalist ikollu jerfa' huwa stess ir-responsabilita' ta' dak li huwa jirraporta fuq is-serhan ta' tali sorsi li jibqghu anonomi; u apparti dan, jizdied sew id-dmir tal-gurnalist li jinvestiga l-istorja minn angolu wiesa' kemm jista' jkun

li jinkludi s-sorsi kollha, b'mod partikolari l-persuni stess illi jkunu qieghdin jisfaw implikati fl-allegazzjonijiet rapportati.

Illi huwa veru illi l-gurnalista intervistat jew talbet il-kummenti tal-Inginier Joseph Caruana li, bhala Chief Executive Officer tal-Isptar Mater Dei, taqa' fuqu r-responsabilita' ahharija ghat-tmexxija tar-Rainbow Ward paediatric cancer unit.

Ghalhekk ta' bilfors illi tqum id-domanda dwar jekk dan kienx bizzejjed ghall-gurnalista sabiex tirrispetta l-obbligu etiku taghha li tivverifika l-veracita' u l-akkuracita' tal-informazzjoni kontenut fir-rapport taghha, dejjem sakemm dan ikun possibbli.

Fil-fehma tal-Kummissjoni dan ma huwiex il-kaz.

Ghalkemm bl-uzu tal-kliem kwalifikanti "*as far as it is possible*", il-Kodici tal-Etika Gurnalistika ma tirrikjedix grad assolut minn ghand il-gurnalista, minn naha l-ohra l-istess Kodici timponi obbligu fuq il-gurnalist li jivverifika sewwa, b'mod responsabbli u b'diligenza il-veracita' kif ukoll l-akkuracita' ta' kull informazzjoni jew materjal lilha supplita mis-sorsi taghha qabel ma tasal biex tippubblikaha.

Ghalkemm wiehed jista' forsi jipprova jargumenta illi billi l-istorja tikkoncerna r-Rainbow Ward paediatric cancer unit li, bhala formanti parti mill-Isptar Mater Dei, jaqa' taht ir-responsabilita' tal-Inginiet Joseph Caruana bhala Chief Executive Officer tal-istess sptar, allura l-gurnalista qdiet id-doveri etici taghha billi talbet il-kummenti tieghu, il-fatt jibqa' illi l-istorja ma tikkoncernax biss l-isptar.

Difatti, l-istorja tikkoncerna personalment hafna wkoll, u forsi b'mod partikolari, lil Dr. Victor Calvagna (li jservi bhala Consultant Paediatric Oncologist u f'tali kariga responsabbli ghall-operat tar-Rainbow Ward, apparti milli jokkupa wkoll il-kariga ufficjali ta' Chairman tal-fondazzjoni Putgtinu Cares); u tikkoncerna wkoll personalment lill-kwerelanti l-ohra kollha Angele Cuschieri (li sservi bhala Deputy Nursing Officer fir-Rainbow Ward, kif ukoll ghandha l-kariga ufficjali ta' Vice-Chairperson tal-fondazzjoni Puttinu Cares), Mary Rose Bugeja (li sservi bhala infermiera fir-Rainbow Ward, kif ukoll ghandha l-kariga ufficjali ta' Assistant Treasurer tal-fondazzjoni Puttinu Cares), u Rennie Zerafa (li jservi bhala infermier fir-Rainbow Ward, kif ukoll ghandu l-kariga ufficjali ta' Public Relations Officer u Fund-Raising Activities Co-Ordinator tal-fondazzjoni Puttinu Cares). Tikkoncerna wkoll, finalment, lill-fondazzjoni Puttinu Cares li, bhala fondazzjoni, ghandha status legali taghha indipendenti.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma cara illi ghalkemm l-Inginier Joseph Caruana seta' tkellem awtorevolment u b'mod rappreżentattiv fl-interess tal-Isptar Mater Dei, kif ukoll tar-Rainbow Ward formanti parti mill-istess sptar, huwa ma setax jitkellem la ghall-Kwerelanti f'isimhom proprju, kif lanqas ghall-fondazzjoni Puttinu Cares.

Difatti, l-kummenti mehuda mill-Inginier Caruana u kontenuti fir-rapport in kwistjoni bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu li jservu bhala l-kummenti tal-Kwerelanti li, wara kollox, kienu huma l-protagonisti tal-istorja kollha.

L-inginier Caruana ma ghamel l-ebda sforz sabiex ihares u jiddefendi d-drittijiet u l-interessi tal-Kwerelanti; anzi, jekk xejn, il-kummenti mehuda mill-Inginier Caruana komplew iservu sabiex iqieghdu lill-istess Kwerelanti f'dawl mhux daqstant sabih billi, fost kummenti ohra, dan ikkonferma illi in segwitu ghall-investigazzjonijiet tieghu inizjali, huwa stess talab sew lill-Pulizija, kif ukoll lill-Medical Council, lil Council for Nurses and Midwives u lill-Kummissarju ghall-Organizzazzjonijiet Volontarju, sabiex jinvestigaw il-kaz, u b'hekk id-dell ta' dubju baqa' mixhut sew fuq il-Kwerelanti.

Il-Kummissjoni jidhrilha illi l-Kwerelanti kellhom id-dritt li jizguraw il-harsien tal-integrita' personali kif ukoll tal-professjonalita' taghhom, izda ma nghataw l-ebda opportunita' in buona fede sabiex jaghmlu dan mill-gurnalista fil-kumpilazzjoni tar-rapport investigattiv taghha, anke' jekk biss sabiex jichdu l-istess allegazzjonijiet illi tressqu kontrihom, multo magis sabiex jaghtu l-verzjoni taghhom dwar l-istess, u dana billi l-gurnalista naqset milli tavvicinahom b'xi mod ghal dan il-ghan.

Il-Kummissjoni jidhrilha wkoll illi l-gurnalista, li sahansitra ezaminat ukoll rapport mahluf illi kien gie pprezentat mill-imsemmija genituri Anthony Caruana u Marion Cutajar u pprezentat lill-avukat Bridget Gafa', bhala l-avukat tal-Isptar Mater Dei, kif ukoll lill-imsemmi Inginier Joseph Caruana, naqset ukoll milli titlob ghall-iskrutinju taghha xi dokumenti, ewlenin fosthom l-audited accounts tal-fondazzjoni Puttinu Cares, minn ghand il-Kwerelanti u/jew minn ghejun ohra bhall-Kummissarju ghall-Organizzazzjonijiet Volontarji fejn dawn l-istess audited accounts jigu ppresentati u ppubblikati.

Il-Kummissjoni hadet ukoll in kunsiderazzjoni l-fatt illi fil-harga tal-istess The Malta Independent on Sunday tad-19 ta' Mejju 2013 (il-harga ta' wara dik fejn kien gie ppubblikat ir-rapport illi dwaru ilmentaw il-Kwerelanti), giet pubblikata stqarrija tal-fondazzjoni Puttinu Cares, taht il-firma tal-President taghha Dr. Victor Calvagna, titolat "Puttinu Cares categorically denies allegations"). Dan pero', ghalkemm jista' jservi bhala fattur mitiganti, xejn ma jnaqqas mill-fatt illi tkun inkisret l-etika gurnalistika, u jekk xejn tkompli sservi bhala prova ta' kemm kien id-dover tal-gurnalista li titlob il-kummenti tal-persuni milqutin qabel ma tghaddi ghar-rilaxx u pubblikazzjoni tar-rapport investigattiv taghha. Il-Kummissjoni innotat ukoll illi dina l-istqarrija tkopri biss lill-fondazzjoni bhala persuna legali separata u distinta, u ma tikkostitwiixxix stqarrija wkoll tal-Kwerelanti in kwantu f'isimhom proprju bhala professjonisti prattikanti fir-Rainbow Ward.

Ghalhekk il-Kummissjoni jidhrilha illi l-gurnalista naqset mill-obbligu etiku taghha li tivverifika l-veracita' u l-akkuracita' tal-informazzjoni kontenut fir-rapport taghha sakemm dan ikun possibbli, u b'hekk ukoll ippubblikat rapport li, ghalkemm mhux necessarjament falz (il-veracita' jew il-falsita' tal-allegazzjonijiet maghmula fil-fatt ghad irid jigi stabbilit mill-Awtoritajiet kompetenti), huwa pero' xorta wahda rapport zgwidanti u mzelleg.

Ghalhekk il-Kummissjoni hija tal-fehma illi permezz tar-rapport taghha kkoncernat, il-kwerelata Annaliza Borg kisret id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (c) u (m) tal-Artikolu 4 (Unethical Behaviour) tal-Kodici tal-Etika Gurnalistika.

**Decizjoni u Sanzjoni**

Ghall-motivazzjonijiet kollha fuq moghtija, il-Kummissjoni qieghda tiddeciedi dwar il-kaz billi ssib illi kien hemm ksur tal-paragrafi (c) u (m) tal-Artikolu 4 (Unethical Behaviour) tal-Kodici tal-Etika Gurnalistika da parti tal-kwerelata **Annaliza Borg** bhala l-gurnalista li kitbet l-artikolu titolat "**Reports of malpractice at Rainbow Ward under investigation**" u ppubblikat fil-gazzetta The Malta Independent on Sunday fil-harga taghha tat-12 ta' Mejju 2013, fil-konfront ta' u b'detriment ghall-kwerelanti **Dr. Victor Calvagna, Angele Cuschieri, Rennie Zerafa u Mary Rose Bugeja f'isimhom personali u bhala ufficjali tal-Fundazzjoni Puttinu Cares**, u fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-konsegwenzi li sofrew il-kwerelanti bhala konsegwenza diretta tar-rappurtagg kif sar, fejn l-istess kwerelanti ma inghatawx l-opportunita' li jaghtu l-verzjoni taghhom, timponi fuqha s-sanzjoni ta' **censura**.

Il-Kummissjoni tordna wkoll illi kopja ta' dina d-Decizjoni tintbghat minnufih lill-partijiet ghall-informazzjoni taghhom, kif ukoll lill-Istitut tal-Gurnalisti Maltin ghal kull azzjoni ulterjuri li jkun jista' jidhirlu xieraq, inkluz dik tal-pubblikazzjoni tal-istess Decizjoni.

**Dr. Kevin F. Dingli**
**Chairman**